MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2010

Avviz Numru. 229/2009

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**Vs**

**Omar Mallia ID 65377M**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tmin t'elef, tlett mija u disa u tmenin euro u hamsin centezmu (€8389.50), liema somma tirrapresenta bilanc ta' prezz dovut minn Omar Mallia lil Mobisle Communications Limited in kwantu ghal servizi rezi lilu mill-istess Mobilse Communications Limited fix-xhur bejn is-sena 2007 u is-sena 2008, u dana in segwitu ta', u skond Client Contract No 410102, liema kuntratt huwa iffirmat minn Omar Mallia.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu 2009, u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat

kontestwalment ma dan l-att, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-17 ta' Frar 2010 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €8389.50 bl-imghax legali mit-30 ta' Marzu 2009 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta'Marzu 2009 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tat-22 ta' Gunju 2009.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------